MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1273/2000/1

**ELMO INSURANCE AGENCY LIMITED** għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija estera Royal & Sun Alliance Insurance p.l.c., bħala ċessjonarja tal-*portfolio* tal-kumpannija estera Sun Alliance u London Insurance p.l.c. u bħala tali bħala surrogata bil-polza u bil-liġi fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Carmelino *sive* Lino Vella u l-istess Carmelino *sive* Lino Vella; u b'Nota tas-6 ta' Mejju, 2004, il-kumpannija Elmo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawża minflok Elmo Insurance Agency Limited, fl-istess kwalita'

vs

Jesmond **TONNA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Ġunju, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fi Triq il-Qanneb, San Ġwann, fl-4 ta' Ġunju, 1999, billi b'nuqqas ta' ħila, ta' għaqal, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan, baqa' dieħel bil-*bowser* misjuq minnu u reġistrat DBE-582 ġol-vettura tal-assikurat tagħha l-attur Lino Vella, reġistrata CLA-143, li dak il-ħin kienet ipparkjata f'ġenb it-triq minn martu Claudia Vella u għad-danni li hija ġarrbet minħabba dik il-ħabta; u (b) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom is-somma ta' elfejn erba' mija u ħamsa u sittin lira Maltija u disgħa u sebgħin ċenteżmi (Lm 2,465.79)[1] bħala danni, li għar-rigward ta' elfejn mitejn u erbgħin lira Maltija u disgħa u sebgħin ċenteżmi (Lm 2,440.79)[2] minnhom jirrappreżentaw is-somma maħruġa mill-kumpannija attriċi lill-attur l-ieħor Lino Vella taħt il-polza, u l-bqija ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 25)[3] jirrappreżentaw l-ammont imħallas mill-istess attur Vella personalment ("*excess*"). Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-30 ta' Awissu, 2000, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li kien b'xi mod jaħti għall-ħabta;

Rat ix-xhieda tal-partijiet u l-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-30 ta' Marzu, 2005[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fit-30 ta' Marzu, 2006[5] bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[1] Li jġibu €5,743.75 fi flus tal-lum
[2] Li jġibu €5,685.51 fi flus tal-lum
[3] Li jġibu €58.23 fi flus tal-lum
[4] Paġġ. 119 – 121 tal-proċess
[5] Paġġ. 132 – 6 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għad-danni mġarrbin f'ħabta bejn karozzi u għall-ħlas lura tal-kumpens mogħti minn kumpannija assikuratriċi lill-assikurat tagħha li kien wieħed mis-sidien ta' waħda mill-vetturi involuti fil-ħabta. Il-kumpannija attriċi bħala assikuratriċi ta' Lino Vella, u l-istess Lino Vella qegħdin ifittxu lill-imħarrek biex jagħmel tajjeb għar-risarċiment li hija ħallset lill-imsemmi assikurat tagħha Vella meta ikkompensatu tal-valur assikurat tal-karozza li ntlaqtet mill-vettura misjuqa mill-imħarrek u wkoll ta' kiri ta' karozza oħra għal xi jiem;

Illi l-imħarrek laqa' billi qal li hu ma kienx jaħti għall-imsemmija ħabta. Qal li l-*bowser* kien ġdid u waqt li kien qed isuqu seħħ l-inċident. Huwa qal li siegħa qabel ma saret il-ħabta, kien assikura l-*bowser* ma' kumpannija ta' assikurazzjoni, iżda l-kumpannija msemmija ma tridx tonora l-polza li ħarġitlu;

Illi, l-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru li fl-4 ta' Ġunju, 2000, bint l-attur Claudia Vella kienet ipparkjat il-vettura tal-għamla *Peugeot 106 XN* reġistrata CLA-143 f'ġenb it-triq għan-niżla fi Triq il-Qanneb, San Ġwann qrib id-dar tagħhom, li tinsab fi Triq Santa Margerita, għall-ħabta ta' wara nofs inhar. L-attur Lino Vella kien is-sid reġistrat tal-karozza, li kien xtraha xi sentejn qabel mingħand sid barrani, u kienet ilha fuq it-triq madwar ħames (5) snin[6]. Dak inhar, il-karozza kienet assikurata mal-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "Elmo") taħt polza "*comprehensive*"[7];

Illi dak il-ħin, l-imħarrek kien qiegħed isuq *bowser* tal-għamla *ERF* reġistrat DBE-582 f'dawk l-inħawi. Hekk kif l-imħarrek wasal fi Triq il-Qanneb, fejn jgħixu wkoll il-ġenituri tiegħu, tilef il-kontroll tal-*bowser* li kien qed isuq,

6 Xhieda tal-attur 15.11.2000, f'paġ. 29 tal-proċess
7 Xhieda ta' Joseph Mula 15.11.2000 f'paġ. 24 tal-proċess

kaxkar karozza li kienet ipparkjata f'ġenb it-triq[8], u baqa' dieħel f'xi vetturi ipparkjati, fosthom dik tal-attur Vella, u spiċċa straħ ma' parapett ta' dar fl-istess li tinsab f'salib it-toroq bejn Triq Santa Margerita u Triq l-Immakulata Kunċizzjoni[9]. Wara li ġew il-Pulizija u għamlu l-aċċertamenti tagħhom fuq il-post tal-inċident, l-imħarrek qala' l-*bowser* minn fejn kien u saqu 'l fuq għal quddiem id-dar tal-ġenituri tiegħu[10]. Mal-Pulizija, l-imħarrek stqarr li kien qed isuq il-*bowser* u li, f'ħin bla waqt, marrulu l-*brakes* u qabeż mill-kabina u l-vettura ħabtet ma' tliet vetturi oħra u spiċċat tistrieħ ma' parapett ta' villa[11]. Huwa jgħid li dak inhar kien saq il-*bowser* biex ħadem bih, kien mar jassikurah, u wara nofsinhar, x'ħin ġie biex jipparkjah ġo għalqa li tmiss mad-dar fejn jgħix, saqu iżda mill-ewwel intebah li kienu marrulu l-*brakes*: meta ra li l-vettura bdiet nieżla 'l isfel f'dik il-qagħda, qabeż mill-kabina u ħalla l-*bowser* nieżel għal riħu[12];

Illi t-triq fl-inħawi fejn seħħet il-ħabta hija dritta b'telgħa għal min ikun sejjer lejn Triq il-Qasab. Hija wiesgħa u tiflaħ erba' karozzi biswit xulxin (jiġifieri karozzi ipparkjati kull naħa tat-triq u żewġ korsiji mnejn jgħaddi traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet). Dak iż-żmien tal-ħabta ma kien hemm l-ebda marki mat-triq. Dak inhar tal-ħabta ma kienx maltemp u t-triq ma kinitx imxarrba b'xita jew biż-żlieq ta' nida. L-inċident seħħ fid-dawl tax-xemx;

Illi mal-ħabta, l-karozza tal-attur Vella ġarrbet ħsarat kbar fuq wara. Dik misjuqa mill-imħarrek ġarrbet ħsarat frontali. Ġarrbu ħsarat ukoll żewġ vetturi oħrajn li wkoll kienu ipparkjati fuq l-istess naħa fejn kienet ipparkjata l-karozza tal-attur Vella;

Illi dak inhar li seħħet il-ħabta, l-attur Lino Vella ressaq talba ma' Elmo taħt il-polza li kellu magħha dwar il-ħsara li l-karozza tiegħu ġarrbet fil-ħabta. Fit-8 ta' Ġunju, 1999[13], Elmo awtorizzat il-kiri ta' karozza lill-assikurat tagħha

---

[8] Xhieda ta' Dr. Antonio Tufigno 22.1.2001, f'paġġ. 64 – 5 tal-proċess
[9] Dok "PC2", f'paġ. 45 tal-proċess
[10] Xhieda tal-attur 15.11.2000, f'paġ. 30 tal-proċess
[11] Dok "PC1", f'paġ. 44Ċ tal-proċess
[12] Affidavit tal-imħarrek f'paġ. 91 tal-proċess
[13] Dok "JM1", f'paġ. 16 tal-proċess

Vella għal disat (9) ijiem. Dik il-kirja ntemmet fis-17 ta' Ġunju, 1999, u kienet swiet Lm 52.79[14];

Illi Elmo qabbdet *surveyor* biex jara l-karozza ta' Vella u dan sab li l-ħsara kienet hekk kbira li ma kienx jagħmel sens li tissewwa. Madankollu, l-attur Vella għażel li jżomm il-karozza u jipprova jbiegħha hu[15]. Elmo ħallset lill-attur Vella elfejn u erba' mitt lira Maltija (Lm 2,400) tal-karozza tiegħu flimkien ma' s-somma msemmija ta' Lm 52.79 bħala rifużjoni tal-kiri msemmi tal-karozza l-oħra. B'dikjarazzjoni iffirmata minnu fl-24 ta' Ġunju, 1999[16], l-assikurat Vella issurroga lil Elmo fil-jeddijiet tiegħu. La l-imħarrek u lanqas il-kumpannija assikuratriċi tiegħu ma aċċettaw il-ħtija tal-ħabta;

Illi l-kawża nfetħet f'Ġunju tal-2000;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' tal-ħabta,</u> l-Qorti tqis li, mid-dinamika tal-istess u mill-provi mressqa, l-kwestjoni tintrabat ma' dak li wettaq l-imħarrek. Dan qiegħed jingħad għaliex ma jidhirx li huwa kontestat li l-karozza assikurata minn Elmo jew sidha jew is-sewwieq normali tagħha kellhom xi sehem f'dak li ġara. Fil-każ tal-lum, l-imħarrek irid juri x'kienu ċ-ċirkostanzi li wassluh biex jaħbat mal-imsemmija vettura (u tliet vetturi oħrajn li wkoll kienu ipparkjati f'ġenb it-triq) u kif dawn iċ-ċirkostanzi jneħħu minn fuqu r-responsabbilta' ta' dak li ġara;

Illi b'żieda mal-fatti mhux kontestati li għadhom kemm issemmew, din il-Qorti tara li l-verżjoni tal-kumpannija attriċi hija li l-imħarrek tilef il-kontroll tal-vettura misjuqa minnu u b'hekk jaħti għall-ħsara li ġrat minħabba f'hekk;

Illi l-imħarrek jistqarr li x'ħin seħħ l-inċident, huwa biss kien qed isuq il-*bowser* u dak il-ħin ma kienx hemm vetturi oħrajn li kienu qegħdin jinsaqu jew li kienu qegħdin ifixklu b'xi mod il-manuvra li kien qed jagħmel. Il-vetturi l-oħrajn kollha (magħduda dik tal-assikurat ta' Elmo) involuti fil-

---

[14] Dok "JM2", f'paġ. 17 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Paul Barberi 21.5.2001, f'paġ. 81B tal-proċess
[16] Dok "JM3", f'paġ. 18 tal-proċess

ħabta kienu weqfin f'ġenb it-triq. Fuq kollox, mill-konfigurazzjoni tat-triq innifisha fejn seħħet il-ħabta u minn dak li jidher mill-iskizz magħmul mill-Pulizija, ma setax kien il-każ li l-karozza ta' l-assikurat ta' Elmo u ż-żewg karozzi l-oħrajn li ġarrbu ħsara kienu jew setgħu servew ta' xkiel għall-imħarrek għaliex it-triq hija dritta u mdawla sew. Jirriżulta wkoll li dak il-ħin tal-inċident it-triq ma kinitx imxarrba u li ma kienx maltemp. L-iżjed indizju ċar li, madankollu, jitfa' dawl fuq min hu responsabbli għal din il-ħabta hija l-istqarrija magħmula mill-imħarrek innifsu lill-pulizija li stħarrġu l-każ dakinhar stess tal-ħabta meta jgħid li huwa tilef il-kontroll tal-*bowser* waqt li kien qed jimmanuvrah biex idaħħlu fl-għalqa ta' ħdejn id-dar;

Illi huwa miżmum li kull sewwieq jeħtieġlu jikko-ordina s-sewqan tiegħu ma' dak ta' traffiku ieħor li jkun fl-inħawi[17]. Dan id-dmir irid iħarsu flimkien mad-dmirijiet l-oħrajn li jrid iżomm kontroll tajjeb tal-vettura li jkun qed isuq, u li jagħraf jinnota dak kollu li qed iseħħ madwaru (il-"*proper look-out*"). Il-fatt waħdu li sewwieq ikun jinsab fuq il-*crown of the road* jew saħansitra fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, ma huwiex fattur deċiżiv ta' ħtija ta' dak is-sewwieq[18]. Hekk ukoll huwa stabilit li l-ħabta frontali ta' żewġ vetturi mingħajr ebda spjegazzjoni titfa' fuq iż-żewġ sewwieqa nvoluti ħtija ndaqs għal dik il-ħabta[19]. Iżda meta sewwieq ta' karozza jitlef il-kontroll tagħha u jaħbat ma' vettura oħra, l-aktar meta dik il-vettura tkun ipparkjata, ikun ġeneralment ifisser li jkun qed isuq ħażin b'mod li "jinkwadra ruħu fil-kuntest tas-sewqan perikoluż"[20];

Illi fil-każ tal-lum, l-imħarrek jistkenn taħt id-difiża tal-emerġenza subitaneja. Huwa jgħid li dak li ġralu ma kienx ħtija tiegħu u għalhekk m'għandux jagħmel tajjeb għal xi ħsara li seta' ġarrab ħaddieħor għaliex ma jgħoddux għalih id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa jgħid li dak li għadda minnu kien riżultat ta' ċirkostanza lil hinn mill-kontroll tiegħu;

---

[17] App. Inf. **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Ltd vs Francis Falzon***
[18] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri vs Isabel Bajada*** (mhix appellata)
[19] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Farruġia et vs Pawlu Mifsud*** (mhix appellata)
[20] App. Krim. JGD **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Neville John Psaila***

Illi huwa aċċettat li aċċident m'huwiex entita' astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entita' tiegħu, jiġifieri "event bl-inċidenti inerenti miegħuinkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalita', iżda wkoll ta' responsabbilta', u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u *pro tanto* jkun responsabbli għalihom"[21];

Illi tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[22]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*"[23]. Fuq kollox, min jallega ċirkostanza bħal din, jaqa' fuqu l-piż li jipprova allegazzjoni bħal din;

Illi bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[24]. Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[25];

Illi l-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-provi fl-atti tal-kawża, ma ssibx li d-difiza tal-forza maġġuri jew tal-emeġenza għall-għarrieda tal-imħarrek hija mistħoqqa. Mill-provi mressqa mqar mill-imħarrek innifsu, jidher ċar li huwa kien saq il-*bowser* qabel dak il-ħin li seħħ l-inċident u li ma kienx ħareġ l-ebda sinjal ta' ħsara fih. Jirriżulta wkoll li hu tlef il-

---

[21] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)
[22] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[23] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)
[24] Charlesworth *Law of Negligence* (2nd. Edit) pġ. 509
[25] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)

kontroll tal-istess vettura, tilef rasu u saħansitra qabeż mill-kabina bil-konsegwenzi li telaq vettura ta' dak id-daqs għal riħu għan-niżla u ħalaq dik l-istraġi kollha. Hija xorti li, f'dak il-ħin tal-jum u l-post fejn ġara l-każ, ma korrewx nes u ma kienx hemm vetturi oħrajn jinsaqu. Iżda, l-iakbar ċirkostanza li tmur kontra l-verżjoni tal-imħarrek toħroġ mill-fatt li, hekk kif il-Pulizija temmew l-eżerċizzju tagħhom fuq il-post, l-imħarrek saq il-*bowser* mill-post u ħadu lura quddiem daru aktar 'il fuq fl-istess triq. Dan huwa għamil li ma jitfissirx f'każ fejn karozza suppost ikunu marrulha l-*brakes*;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn l-elementi jwasslu għad-determinazzjoni tal-ħtija tal-imħarrek. U għalhekk, il-Qorti toħroġ bil-fehma sħiħa li l-ħtija waħdanija għall-ħabta hija tal-imħarrek Tonna, u dan minħabba sewqan perikoluż, b'mod traskurat, b'nuqqas ta' ħila;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha, filwaqt li ma ssibx li l-eċċezzjoni tal-imħarrek hija tajba u sejra twarrabha;

Illi <u>dwar il-likwidazzjoni tad-danni</u> ftit hemm x'wieħed jgħid. Intwera bla l-iċken dubju, li l-ħsara li ġarrbet il-karozza tal-assikurat tal-kumpannija attriċi kienet estensiva. Ingħatat tifsira raġunata għaliex ma tqiesx għaqli li l-ħsara tissewwa, u li, minflok, isir ħlas għas-saldu lill-istess assikurat. Tali ħlas sar, u hemm prova li l-assikurat ikkonferma li rċevih. Fuq kollox, intwera wkoll li, mal-ħlas, l-attur Vella issurroga lil Elmo fil-jeddijiet tiegħu. Minbarra dan, Elmo ikkumpensat lill-assikurat ukoll b'xi jiem ta' kiri ta' karozza. Dawn kollha jtellgħu l-ammont imsemmi fit-talba attriċi, jiġifieri ħamest elef seba' mija u tlieta u erbgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€5,743.75);

Illi ladarba l-kumpannija attriċi hija surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha hi għandha l-jedd li tiġbor mingħand il-persuna responsabbli kull nefqa illi l-assikurat tagħha kien ikollu l-jedd li jippretendi mingħand l-imħarrek;

Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-ammont ta' danni mitlub huwa ippruvat kif imiss, u li t-talba jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-ħabta li ġrat fi Triq il-Qanneb, kantuniera ma' Triq Santa Margerita, f'San Ġwann, fl-4 ta' Ġunju, 1999, meta l-vettura reġistrata DBE-582 misjuqa mill-istess imħarrek baqgħet dieħla ġol-vettura tal-attur Lino Vella reġistrata CLA-143 li dak il-ħin kienet ipparkjata f'ġenb it-triq;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lil-atturi s-somma ta' ħamest elef seba' mija u tlieta u erbgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€5,743.75), li għal ħamest elef sitt mija u ħamsa u tmenin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€5,685.51) jirrappreżentaw in-nefqa magħmula mill-kumpannija attriċi bħala assikuratriċi tal-attur Vella u bħala kumpensa imħallas lilu taħt il-polza ta' assikurazzjoni fis-seħħ, u kwantu għal tmienja u ħamsin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€58,24) jirrappreżentaw in-nefqa mħallsa mill-istess attur Vella; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------